MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 49

21 ta' Frar 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 49 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn l-21 ta' Frar 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 13.6. (Ref: **T/5/1/Vol II; T/3/3/Vol IV)** tas-seduta preċedenti u ppropona li din tinqara kif ġej:

*"13.6. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għall-fatt illi ma jeżistix infurżar konsistenti fit-toroq ewlenin u b'hekk il-tow zones qed ikunu okkupati għal ħafna ħin tal-ġurnata. Huwa rrimarka wkoll illi l-ipparkjar fil-parti d-dejqa ta' Triq Ġorġ Borg Olivier għandu jispiċċa għal kollox fl-aktar ħinijiet li tkun traffikuża biss, mit-Tnejn sas-Sibt."*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta Nru. 48 tal-1 ta' Frar 2011 bl-emenda mressqa, liema minuti ġew għalhekk iffirmati.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Riforma fit-Trasport Pubbliku (T/5/1/Vol II)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li ġie kkuntattjat mill-kumpanija li ser tmexxi s-servizz bil-karozzi tal-linja b'effett minn Ġunju 2011 – Arriva plc. Skond ir-rotot imfassla mill-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, il-Mellieħa ser tkun waħda miċ-ċentri tas-sistema l-ġdida. Għaldaqstant ser ikun meħtieġ li jinstab post fejn jiġu pparkjati numru ta' vetturi li ser jintużaw fuq il-*feeder lines* u numru iżgħar ta' karozzi tal-linja mill-kbar bejn il-11.00pm u l-5.00am.

2.1.3. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ppropona l-parkeġġ li hemm qrib ir-*roundabout* ta' Selmun, fejn attwalment hemm *bring-in site*, liema parkeġġ ikun totalment vojt matul il-lejl. Bħala parti mill-ftehim mal-kumpanija li ser tmexxi s-servizz tal-karozzi tal-linja - Arriva plc – ser tiġi offri somma flus għal darba biss sabiex il-Kunsill ikun jista' jutilizzaha fuq il-proġetti li tibbenefika minnhom il-komunita` Melleħija. Is-Sindku qal li l-*bring-in site* għandha tiġi spusstjata għal sit alternattiv.

2.1.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, iżda qabel li għandhom jitħawwlu aktar siġar sabiex il-parkeġġ jiġi iżolat mill-madwar.

### 2.2.1. Devoluzzjoni tal-Palazz tal-Marfa (A/6/7/Vol II)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 18.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi flimkien mal-Kunsill u l-Fundazzjoni Mellieħa jixtiequ jissieħbu l-kumpanija Latina Pictures Ltd bil-għan li l-Palazz tal-Marfa jinbidel f'mużew tal-films li nħadmu Malta, kif ukoll għall-skopijiet kummerċjali. Il-Palazz u l-batterija jkunu jistgħu jgħaddu għand il-Kunsill b'titolu ta' devoluzzjoni, filwaqt li l-attrezzi jsiru permezz ta' materjal li diġa għandha Latina Pictures Ltd, filwaqt li l-Fundazzjoni Mellieħa tkun responsabbli mir-riċerka meħtieġa. Is-sottomissjonijiet isiru separati minn xulxin, filwaqt li jkun hemm referenza għal xulxin. Is-Sur R. Cutajar qal li qed jiġi propost illi l-post jingħata għall-perjodu minimu ta' għaxar snin, minħabba l-investiment li jeħtieġ isir.

2.2.3. Il-Kunsill innota il-kuntatti li saru, filwaqt li approva li tiġi sottomessa proposta fuq il-linji spegati fil-minuta 2.2.2. aktar 'il fuq.

### 2.3.1. Ftehim - Tmexxija tax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija (A/6/7/2/Vol II)

2.3.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 16.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għat-test li ġie mgħoddi lill-Kunsillieri kollha qabel is-seduta, bil-għan li kullħadd ikollu kopja tat-test sħiħ tal-Klawsola 21 kif ġie approvat fis-seduta 46 u dak li qed tippropona l-għaqda bl-inklużjoni mill-ġdid tal-Klawsola 23 tal-ftehim oriġinali.

2.3.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-Klawsola 22 (v) għandha tagħti dritt lill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina għall-kumpens fuq spejjeż li jkunu saru, kif ukoll fuq djun li jkunu saru biex isiru xogħlijiet li twettqu bil-kunsens tal-Kunsill. Għaldaqstant il-Klawsola 22 għandha tinqara kif ġej:

*22(i) Upon termination or dissolution of the agreement and saving any wear and tear of the site, the Manager shall return the property in a good state of repair to the Council;*

*(ii) The Manager shall have no right whatsoever over any immovables present on the site on date of termination;*

*(iii) The Manager shall return all the movable property present on the site which movable property shall have been paid through the funds allocated for such purpose by the Council or was already on site upon the commencement of this agreement;*

*(iv) The Manager shall return the property in a good state of repair to the Council who shall resume possession thereof. The Manager shall have the right of reimbursement for fittings and installations as well as fixed assets at present value together with a goodwill valuation presented by an agreed auditor, as well as for any/all unsettled debts incurred in carrying out the works and activities mentioned in 'clause 4' above, saving any excess of income over expenditure during the term of this agreement.".*

### 2.4.1. PA 0825/07 – Bini ta' impjant għall-Ippakkeġġjar tal-Ħut f'Selmun (P/5/8/I)

**2.4.2.** Is-Sindku irrefera għall-minuta 2.8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fis-17 ta' Frar 2011 saret laqgħa fl-inħawi Tat-Tomna, ma' uffiċjali tal-MEPA, fejn kienu ukoll mistiedna d-diriġenti ta' P2M Ltd. L-iskop tagħha kien li jiġi identifikat sit addattat għall-impjant tal-ippakkeġġjar fil-post indikat għall-iżvilupp ta' *mini-industrial area*. L-ebda rappreżentant minn P2M Ltd ma attenda. Aktar tard huwa rċieva ittra mill-avukati ta' P2M Ltd fejn talbitu jieqaf milli jkompli jagħmel pressjoni fuq il-MEPA u d-Dipartiment tal-Artijiet li qed iżommu milli jkompli x-xogħol fuq is-sit ta' Selmun.

**2.4.3.** Is-Sindku aċċenna wkoll għall-mistoqsija parlamentari li saret mill-Onor. Evarist Bartolo lill-Prim Ministru, fejn staqsa dwar f'liema stadju waslu l-investigazzjonijiet min-naħa tal-MEPA dwar il-proċedura segwita fl-ipproċessar tal-permess imsemmi hawn fuq. Is-Sur R. Cutajar qal li l-Prim Ministru wieġeb li mill-investigazzjonijiet illi saru s'issa ma jidhirx li hemm lok għal revoka tal-permess.

**2.4.4.** Is-Sur R. Cutajar qal li d-Dipartiment tal-Artijiet ikkunsidra l-kundizzjonijet diskussi u approvati mill-Kunsill fis-seduta preċedenti bil-għan li jiżdiedu mal-kuntratt li diġa sar ma' P2M Ltd.

**2.4.5.** Il-Kunsillier C. Bartolo qal li din il-kwistjoni ġiet minfuħa ħafna mill-media. Huwa rrefera għal ittra datata 4 ta' Frar 2011, iffirmata minn 43 impjegat ta' P2M Ltd, fejn esprimew it-tħassib tagħhom b'dak li ntqal riċentement fil-media u bid-diffikultajiet li qed taffaċċjli il-kumpanija li qed tibbaża l-futur tagħha f'Malta fuq l-impjant ta' Selmun. Is-Sur C. Bartolo qal li wieħed irid ikun kawt f'din il-materja bil-għan li ma jiġux perikolati l-impjiegi.

**2.4.6.** Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li l-pubbliku għandu jkun infurmat bl-iżviluppi illi kien hemm permezz ta' konferenza stampa fuq il-post fit-22 ta' Frar 2011.

**2.4.7.** Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 2.5.1. Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Bini tal-Gvern (B/7)

2.5.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi wara li ġiet sottomessa l-applikazzjoni sabiex isir titjib fl-area bejn il-blokki fil-Qasam Ta' Pennellu, saru rappreżentazzjoni biex ġie spjegat għaliex l-Kunsill ma marx ukoll fuq l-organizzazzjoni ta' korsijiet edukattivi speċifikament għar-residenti tal-istess qasam.

2.5.3. Is-Sur C. Debono qal li l-Awtorita` tad-Djar ġiet infurmata li l-Qasam ta' Pennellu jinkludi seba' blokki b'sitt appartamenti 'il wieħed, fejn in-numru ta' residenti ma jagħmiliex vijabbli li jiġu organizzati korsijiet speċifikament għar-residenti t'hemmhekk. Għaldaqstant jagħmel aktar sens, li l-istess residenti jibbenefikaw mill-faċilitajiet miftuħa għar-residenti tal-lokalita` kollha, kif fil-fatt isir.

2.5.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 2.6.1. Proġett "Festa Ġemellaġġi 2011" (K/12)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.1. biex jispjega li bħala parti mill-Festa Ġemellaġġi 2011 ser ikun hemm iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum l-Ewropa fit-8-9 ta' Mejju u l-konferenza dwar il-ġemellaġġi fit-tielet ġimgħa ta' April. Is-Sur R. Cutajar stqarr ukoll li attwalment qed jiġu kkunsidrati l-postijiet fejn ser jiżvolġu l-attivitajiet. Saru proposti min-naħa tiegħu sabiex Misraħ il-Parroċċa u t-turġien fil-qalba tal-Mellieħa jkunu fost l-għażliet li qed jiġu kkunsidrati mill-organizzaturi.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.7.1. Stat ta' indafa fil-postijiet għall-ikkampjar C/4/Vol III)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.7.1., kif ukoll għal appell li sar mill-Uffiċjal Awtorizzat sabiex jitwaħħlu tabelli ġewwa l-Aħrax li jipprojbixxu l-*barbecues* u l-ikkampjar f'ċerti postijiet. Kompla jgħid illi għalkemm mhux possibbli li dawn jitwaħħlu kullimkien, jistgħu jitwaħħlu f'dawk il-postijiet li l-aktar jispikkaw.

2.7.3. Il-Kunsill qabel li t-tabelli in kwistjoni għandhom jitwaħħlu matul Triq l-Armier.

## 2.8.1. Ġbir ta' Skart Domestiku mill-inħawi tal-*Boathouses* (B/4/4/Vol II)

2.8.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li Armier Development Ltd ġew mitluba jagħtu rendikont tal-ammont ta' *skips* li ġew utilizzati matul l-2010. Is-Sur C. Debono qal li dan it-tagħrif intalab bil-għan li l-Kunsill ikun jista' jikkalkula l-ammont meħtieġ skond iż-żmien tas-sena. Meta dan it-tagħrif jingħata, il-Kunsill ikun jista' jistabilixxi l-ammont ta' għajnuna li għandha tingħata.

2.8.3. Is-Sindku għarraf li għaddejjin kuntatti ma' Green MT Ltd sabiex jibda jsir il-ġbir tal-iskart riċiklabbli kull nhar ta' Tnejn u Ħamis mill-Għadira Caravan Site. Green MT jidhru li ser jaċċettaw din il-proposta u jagħtu servizz matul ix-xhur tas-sajf biss.

2.8.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 21/02/11
- Skeda ta' Pagamenti – 28/02/11 – 17/02/11
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Laqgħa Annwali tal-Lokalita` - 20/01/11

- Minuti – Laqgħa dwar l-iżvilupp ta' Impjant għall-Ippakkeġġjar tal-Ħut f'Selmun – 23/01/11
- Lista ta' persuni eliġibbli għall-Onorefiċenzi

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Adeżjoni fil-Patt tas-Sindki (A/4/5/Vol II)

4.1.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 15 ta' Frar 2011, mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill ġie mistieden jieħu sehem fil-Proġett ENESCOM fejn il-lokalitajiet parteċipi jidħlu f'patt sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 b'20% sas-sena 2020.

4.1.3. Il-Kunsill awtorizza lis-Sindku jidħol f'dan il-Patt.

### 4.2.1. Serata teatrali mill-Mellieħa Stage Friends (S/6/Vol IV)

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata 11 ta' Frar 2011, li permezz tagħha ll-Mellieħa Stage Friends appellaw sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' serata teatrali li ser isseħħ fis-Sala tal-Komunita` fil-5 ta' Marzu 2011. Huma talbu biex il-Kunsill jieħu ħsieb il-ħlas tal-*personnel* li jieħu ħsieb li jieħu ħsieb is-sala.

4.2.3. Il-Kunsill laqa' dan l-appell.

### 4.3.1. Parteċipazzjoni fi programmi televiżi (M/3/Vol III)

4.3.2. Saret referenza għall-ittra datata 9 ta' Frar 2011, mibgħuta mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fejn intqal li l-kumpanija indipendenti Basement Productions, li taħdem fil-qasam tal-media u l-komunikazzjoni, se tkun qed tipproduċi sensiela ta' programmi għat-televiżjoni bl-isem "Il-Ħadd it-Tajjeb". Dan il-programm se jkun qed jixxandar dirett kull nhar ta' Ħadd filgħodu, fuq Net TV, u se jittella' minn lokalitajiet differenti madwar Malta u Għawdex. Prijorita' tal-programm se tkun li titfa' dawl fuq l-attivitajiet li jwettaq il-Kunsill Lokali fil-lokalita'.

4.3.3. Basement Productions talbu l-għajnuna tas-Segretarjat Parlamentari biex il-Kunsilli Lokali minn fejn se jixxandar dan il-programm, jgħinu billi:

- joffru l-appoġġ kollu meħtieġ u
- jipprovdu wkoll *sponsorship* ta' €800.

4.3.4. Peress li dan il-programm se jkun qed jgħin biex jippromwovi l-lokalita' u juri x-xogħol li twettaq mill-Kunsill Lokali, is-Segretarjat Parlamentari appella lill-Kunsilli Lokali sabiex jikkunsidraw serjament it-talba tal-produtturi.

4.3.5. Saret referenza għall-*e-mail* ieħor datat 17 ta' Frar 2011, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn intqal li bejn bejn April u Ġunju 2011, TVM u Education 22 se jibdew ixandru sensiela ta' 13-il programm, ta' nofs siegħa 'l wieħed, fejn ser jiġi ppubbliċizzat ix-xogħol li qiegħed isir mill-Kunsilli Lokali.

4.3.6. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-għan tal-programm hu li jintefa' dawl fuq ħidmet Kunsill Lokali partikolari. Irid isir ħlas ta' €951 għal kull programm li Kunsill jipparteċipa fih. L-organizzaturi ser ikunu qed iżuru l-lokalitajiet u jieħdu filmati tal-proġetti u x-xogħlijiet kollha li jkunu saru. Dan kollu ser ikun inkluż fil-programmi li jittellgħu u kopja tal-filmati jingħataw lill-Kunsilli rispettivi.

4.3.7. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-offerta ta' Basement Productions hija aktar vantaġġjuża, peress li il-programm ser ikun dirett u jalloka aktar ħin, b'prezz inqas minn dik ta' TVM.

### 4.4.1. Sparatura fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill 2011 (A/5/3/1/Vol XII)

4.4.2. Sar aċċenn għal ittra datata 16 ta' Frar 2011, mibgħuta mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Mellieħa li għarrfu illi ser jipparteċipaw fl-attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill 2011 bi sparatura *sporting* nhar il-Ħadd 27 ta' Frar. Huma appellaw sabiex il-Kunsill jipprovdi t-trofej, filwaqt li stiednu lis-Sindku ħalli jippreżentahom lir-rebbieħa.

4.4.3. Il-Kunsill laqa' it-talba.

**4.5.1. Laqgħa mad-Direttur tad-Dipartment għall-Gvern Lokali (C/1/Vol XIV)**

4.5.2. Is-Sindku rrefera għal Memo 5/2011 tat-13 ta’ Jannar 2011, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, dwar il-ħatra tas-Sur Carmel Abela bħala direttur. Is-Sur Abela talab li jiltaqa’ mas-Sindku u l-impjegati tal-Kunsill u jekk ikun possibbli mal-Kunsillieri. Is-Sur R. Cutajar qal li din il-laqgħa ser isseħħ fit-21 ta’ Frar 2011 fid-9.00am, kif diġa ġie kkomunikat lill-Kunsillieri kollha.

4.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**4.6.1. *Green Challenge and Community Involvement Awards* (F/1/7/Vol II)**

4.6.2. Is-Sindku qal li jidher illi l-Mellieħa ġiet innominata għall-Green Challenge Award jew għall-Community Involvement Award, billi l-kumpanija Where’s Everybody, permezz ta’ *e-mail* datat 20 ta’ Jannar 2011 għarrfet li ser tkun qed tiffilmja fil-lokalita` in konnessjoni ma’ dawn l-unuri. Is-Sur R. Cutajar qal li ċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni ser issir fit-23 ta’ Marzu 2011.

4.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**4.7.1. Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf 2011 (T/6/1/Vol III)**

4.7.2. Is-Sindku rrefera għall-Memo 73/2010 u qal illi l-Mellieħa ġiet nominata għall-unur imsemmi. Il-preżentazzjoni ser issir fit-8 ta’ Marzu 2011 fi Ġnien G.M. Camilleri fil-Kappara.

4.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**4.7.4. Konferenza tal-EDEN (T/12/2)**

4.7.5. Is-Sur R. Cutajar għarraf li l-konferenza tal-EDEN ser isseħħ bejn il-5 u s-7 ta’ April 2011. Permezz ta’ skema mħaddma bejn il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment u l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu ġew allokati €19,000, liema somma għandha tkopru l-parti l-kbira tal-ispejjeż li ser jagħmel il-Kunsill. Huwa qal li dan ser jiġi kkonfermat permezz ta’ e-mail datat 19 ta’ Jannar 2011 mibgħut mill-Programme Implementation Directorate fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment.

4.7.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta’ Servizzi u Oġġetti**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 21 ta’ Frar 2011.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta’ Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet skeda ta’ pagamenti mitluba bejn it-28 ta’ Jannar u s-17 ta’ Frar 2011.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-istess skeda u għalhekk ġiet iffirmata.

**7.1. Għoti tal-onorefiċenzi Ġieħ u Rikonoxximent il-Mellieħa u tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2011 (A/5/3/1/Vol XII)**

7.2. Is-Sindku ressaq skeda ta’ nomini ġodda li daħlu sad-data ta’ egħluq fl-14 ta’ Frar 2011, kif ukoll oħrajn li ġew sottomessi fis-snin preċedenti.

7.3. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu fuq numru ta’ persuni u għalhekk il-Viċi Sindku E. Bartolo ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier J. Buttiegieg, li kienet tgħid kif ġej:

> ***“Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta’ Awissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta’ “Ġieħ il-Mellieħa” u “Rikonoxximent il-Mellieħa” sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew għaqdiet li jkunu ddistingwew ruħhom b’eċċellenza f’xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta’ eżempju għal ħaddieħor jew għollew l-isem tal-lokalita`;***

*Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skond il-kriterji stabbiliti, illi ġejjin minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fl-14 ta' Frar 2011, liema nominazzjonijiet ġew evalwati sabiex jiġu stabbiliti l-merti tagħhom; u*

*Billi l-kriterju dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxi li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda, filwaqt li l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni / organizzazzjonijiet, apparti dawk li huma ntitolati għalihom wara li okkupaw kariga fil-Kunsill u għalhekk jikkwalifikaw awtomatikament skond il-kriterji stabbiliti;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenza "Ġieħ il-Mellieħa" għandha tingħata lil:*

- *Lir-Reverendu Karm Mercieca – Kappillan tal-Mellieħa uxxenti,*

*filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa":*

- *Anthony Bartolo (wara mewtu) – Serva 40 sena fuq il-Kumitat tas-Societa` Filarmonica La Vittoria;*
- *Josephine Caruana (wara mewtha)– Impenjata fil-volontarjat; u*
- *Anthony Cauchi – Kien strumentali biex twaqqfu u nżammu ħajjin il-fratellanzi fil-Mellieħa.*

*Il-Kunsill jirriżolvi wkoll illi l-medalji u l-insinji, flimkien mad-dokumenti relattivi, għandhom jiġu ppreżentati waqt serata organizzata apposta nhar il-Ħamis 24 ta' Frar 2011.".*

7.4. Is-Sindku R. Cutajar stqarr li huwa kellu parentela mas-Sinjura Josephine Caruana u għalhekk irtira mid-diskussjoni dwar in-nomina tagħha.

7.5. Wara diskussjoni fit-tul fuq il-mozzjoni, ir-riżoluzzjoni għaddiet unanimament, ħlief fil-każ tan-nomina ta' Josephine Caruana, minħabba l-istqarrija li għamel is-Sindku fil-minuta 7.4. aktar 'il fuq.

7.6. Il-Kunsill qabel ukoll li waqt is-serata għandha tiġi ppreżentata tifkira lis-Sur Joseph Cauchi li serva għall-25 sena bħala Segretarju Ġenerali tas-Societa` Filarmonica La Vittoria u lis-Sur Alfred Vella Borg li għalaq 50 sena li okkupa diversi karigi fosthom dik attwali ta' President tal-Mellieħa Sports Club. Għandha ssir rreferenza wkoll għal l-Avukat Joseph Bartolo u s-Sur Anthony Sant bħala persuni li ġew nominati u mietu fl-aħħar sena.

7.7. Is-Sur R. Cutajar qal li prova tas-serata li fiha ser isiru l-preżentazzjonijiet ħa tkun fit-23 ta' Frar 2011 fil-Crescent Suite fil-lukanda Golden Sands fis-6.00pm. Huwa qal li kopja tar-*running order* diġa ntbagħtet lill-kunsillieri kollha.

7.8. Dwar il-programm tal-Ħadd 27 ta' Frar 2011, is-Sindku qal li minhabba illi l-President ser ikollu inpenn ieħor, il-programm irid jiġi fi tmiemu fil-11.30am.

## 8.1. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol IV)

8.2. Is-Sindku għarraf li l-laqgħa mal-Mellieħa Sports Club saret fis-17 ta' Frar 2011, filwaqt li l-minuti tagħha ġew mgħoddija lill-kunsillieri kollha qabel is-seduta.

8.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg stqarr li l-grupp tal-Partit Laburista ma attendewx il-laqgħa msemmija, billi fis-seduta Nru. 48 tal-1 ta' Frar 2011 huma astjenew mill-vot li ttieħed.

## 9.1. Tkomplija tad-diskussjoni dwar l-introduzzjoni ta' arranġamenti ġodda tat-traffiku fit-toroq ewlenin (T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV)

9.2. Saret riferenza għal ittra datata 15 ta' Frar 2011, mibgħuta mit-Taqsima għall-Maniġġ tat-Traffiku fi ħdan Transport Malta. Fl-istess ittra, il-Kunsill ġie mgħarraf li saret proposta sabiex jitneħħa l-ipparkjar fi Triq Ġorġ Borg Olivier minħabba li żewġ karozzi tal-linja ma jgħaddux f'direzzjonijiet opposti.

9.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tingħata tweġiba għall-ittra msemmija fis-sens li għaddejjin diskussjonijiet fid-dawl tar-riforma tat-trasport pubbliku fejn qed issir pressjoni fuq l-awtoritajiet kompetenti biex il-karozzi tal-linja, fi triqthom 'il barra mill-Mellieħa, jgħaddu minn Dawret il-Mellieħa u Triq Lewis Wettinger.

9.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi tenna li fi Triq Ġorġ Borg Olivier, mill-fergħa tal-Bank of Valletta 'l isfel m'għandux isir ipparkjar waqt li jkunu miftuħin il-ħwienet, kemm minħabba li t-triq hija dejqa, kif ukoll billi l-kategorija ta' negozji li jeżistu f'dik il-parti tat-triq ma tirrikjedix li wieħed bilfors imur bil-vetturi.

9.5. Is-Sindku wieġeb li sakemm il-karozzi tal-linja mhux ser jgħaddu għat-telgħa fi Triq Ġorġ Borg Olivier, l-ipparkjar għandu jibqa'. Is-Sur R. Cutajar qal li din it-triq tista' issir *one-way* għan-niżla minn Triq Sant' Elena 'l isfel. Dan ikun ifisser li t-traffiku intern ikollu żewġ żbokki – wieħed minn Triq l-Erwieħ u ieħor minn Triq il-Marfa. B'hekk mhux it-traffiku kollu ser jgħaddi mit-toroq ta' wara l-knisja. Intqal ukoll li ma' din il-proposta ser jiżdied it-traffiku gej miċ-Ċirkewwa, mill-Għadira u mill-Armier li għandu jgħaddi kollu minn Dawret il-Mellieħa. Huwa tenna li traffiku fi Triq il-Marfa mid-direzzjoni tal-Għadira għandu jasal biss sal-kantuniera ta' Triq il-Wied ta' Ruman, bil-għan li anke jiffaċilita` l-ħruġ tar-residenti taż-żona. Dan l-arranġament ikun indikat fuq il-post permezz ta' tabella *No Left Turn* fi Triq il-Wied ta' Ruman kantuniera ma' Triq il-Marfa.

9.6. Is-Sindku fakkar li jekk kemm-il darba tittieħed din id-deċiżjoni, il-kunsill ikollu l-possibilita li jtejjeb is-sigurta` tal-*pedestrians* fi Triq Ġorġ Borg Olivier bit-twessiegħ tal-bankini, jitneħħew l-ingombri li kkawżaw xi sidien tal-ħwienet, kif ukoll jitħaddem aħjar l-arranġament tal-*limited time parking*. Din ir-restrizzjoni tapplika għal Triq il-Kbira kollha sa ċertu ħin biss u mhux tibqa' fis-seħħ tul il-jum kollu. Dan biex jitħares l-interess tar-ristoranti f'din iż-żona l-aktar fil-ħinijiet ta' filgħaxija. Huwa aċċenna li s-sidien tal-ħwienet għandhom jifhmu li mhux sewwa li huma jew l-impjegati tagħhom jipparkjaw quddiem l-istess stabbilimenti, peress li b'hekk ikun qed jitnaqqas l-ispażju għall-klijenti tagħhom.

9.7. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li bis-sistema tal-*one-way* għandhom jiżdiedu l-faċilitajiet tal-ipparkjar. Dawn jkomplu jiżdiedu bit-tneħħija taż-żoni tal-irmunkar eżistenti, li għandhom jinbidlu f'*limited time parking,* effettivi biss waqt il-ħinijiet tal-ftuħ, li jkunu segwiti b'infurzar konsistenti. Kompla jgħid li t-tneħħija totali tal-ipparkjar żgur li ma tkunx popolari kemm mas-sidien tan-negozji, kif ukoll mal-Mellieħin. Huwa kkummenta wkoll li n-negozju fit-toroq ewlenin ma jiżdiedx b'iktar traffiku. Qal li xorta waħda tibqa' tinħoloq konġestjoni, kemm-il darba t-toroq ewlenin jibqgħu *two-way*, bil-karozzi tal-linja jgħaddu 'l isfel biss, traffiku ieħor għaddej fiż-żewġ direzzjonijiet, u bl-ipparkjar fuq naħa waħda.

9.8. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li m'għandha tidħol ebda miżura sakemm wieħed jara kif ser imur it-traffiku bir-riforma tat-trasport pubbliku. Huwa qal li d-deċiżjoni fuq dan is-suġġett m'għandiex tieħu aktar fit-tul, u possibilment tittieħed posizzjoni uffiċjali sa Marzu 2011.

9.9. Il-Viċi Sindku ppropona li d-deċiżjoni li tittieħed għandha tidħol fis-seħħ fl-istess jum ta' meta tiġi ntrodotta s-sistema l-ġdida tat-trasport pubbliku.

9.10. Il-Kunsillier C. Bartolo tenna li s-sistema tal-*one-way* fi Triq Ġorġ Borg Olivier ser iġġib magħha nuqqas ta' kummerċ fin-naħa ta' fuq ta' Triq il-Kbira, għar-raġuni li f'dik il-parti, l-ipparkjar huwa possibbli fuq iż-żewġ naħat.

9.11. Is-Sindku, filwaqt li ma' qabilx mal-fehma tal-Kunsillier C.Bartolo, fakkar ukoll li s-sistema l-ġdida tat-trasport pubbliku ser tkun qed toffri alternattivi varji biex aktar nies jifrekwentaw it-toroq ewlenin, apparti li bir-riforma l-ħin ser jiġi estiż sal-11.00pm - xi ħaġa li sal-lum ma' teżistix. Is-Sindku ppropona ukoll illi ssir bidla fis-sinjali li jindikaw iċ-ċentru tal-lokal, kif ukoll jizdiedu l-postijiet tal-parkeġġ bħal Misraħ il-Parroċċa u anke Triq il-Marfa.

9.12. Wara aktar diskussjoni, il-fehma ġenerali tal-Kunsillieri kienet li l-ipparkjar għandu jibqa' fi Triq Ġorġ Borg Olivier, peress li l-konġestjoni mistennija li tonqos bl-eliminazzjoni tal-karozzi tal-linja għat-telgħa.

**10.1. Tiswijiet fit-toroq (D/3/1/Vol V)**

10.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi lmenta li l-ħaddiema tad-Distrett fid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet mhux qed ikunu disponibbli biex iwettqu t-tiswijiet fit-toroq, minħabba li dawn kollha huma inpenjati fuq it-tieni fażi tal-proġett tal-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ. Huwa qal fost it-tiswijiet li ilhom irrappurtati, jinkludu: it-Telgħa ta' Għajn Żnuber, it-triq tax-Xemgħa, Triq l-Imġiebaħ, it-Triq Wied Musa, fost oħrajn.

10.3. Ittieħdet nota bil-għan li jinstabu mezzi biex ix-xogħlijiet imsemmija jitwettqu.

**11.1. Ftuħ ta' *Night Shelter* għall-Anzjani (A/1/2/Vol IV)**

11.2. Is-Sindku għarraf li n-*Night Shelter* f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa ser jiġi nawgurat mill-Prim Ministru l-Onor Dr Lawrence Gonzi fil-24 ta' Frar 2011. Kompla jgħid li l-Kunsill ikkontribwixxa għall-attrezzament tal-kċina, il-pittura li ser titwaħħal fil-parti komuni taċ-ċentru, mpittra minn John Vic Borg u l-kurċifissi tal-kmamar. Spjega wkoll li ċ-ċentru jista' jakkomoda sa tmien persuni, li jintalbu ħlas ta' €2 kuljum. Huwa għarraf ukoll li Dar il-Madonna tal-Mellieħa għandha s-servizz ta' podoloġista, *hairdresser*, u żewġ *instructors* tal-*keep fit.*

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**12.1. Proposta dwar servizz ta' *zip line* fl-inħawi Ta' Għajn Ħadid (P/5/8/G)**

12.2. Is-Sindku għarraf li saret proposta sabiex jsir is-servizz imsemmi li jkun jgħaqqad in-naħa ta' fuq tal-irdum sax-xatt – distanza ta' 398 metru. Huwa qal li s'issa din għadha ideja li tista' tiġi żviluppata akar u jsir l-applikazzjoni mal-MEPA.

12.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li wieħed għandu jkun kawt minħabba li dawn l-inħawi huma sensittivi mil-lat ambjentali.

**13.1. Tindif ta' toroq urbani (K/6/1/Vol V)**

13.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li fiż-żona Ta' Pennellu t-tindif tat-toroq qed isir bl-idejn, minflok b'mezzi mekkanizzati, kif inhuwa stipulat fil-kuntratti relattiv. Huwa staqsa dwar jekk ingħatawx struzzjonijiet, jew intalabx permess biex ikun hemm din il-bidla.

13.3. Is-Sindku u s-Segretarju wieġbu li dan mhux il-każ u għalhekk ser isir kuntatt mal-kuntrattur konċernat sabiex jaderixxi mal-kuntatt.

**14.1. Użu tal-faċilitajiet fl-Iskola Primarja (S/3/6)**

14.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett f'seduti preċedenti. Huwa qal li f'dan l-istadju jkun pass fid-direzzjoni t-tajba jekk jintlaħaq ftehim bejn il-Kunsill Malti għall-Isports u l-assoċjazzjonijiet li kienu jagħmlu użu mill-faċilitajiet tal-iskola. Dan il-ftehim ikun ifisser li l-assoċjazzjonijiet jridu jġorru piż finanzjarju, billi jkun jinvolvu il-ħlas ta' persuni meħtieġa biex issir superviżjoni. Is-Sur R. Cutajar qal li dan jista' jsir wara li jkun magħruf l-eżitu` tal-investigazzjonijiet li qed tagħmel id-Diviżjoni tal-Edukazzjoni.

14.3. Il-Kunsillier H. Fenech qal li l-assoċjazzjonijiet konċernati naqsilhom ħafna l-interess li jibqgħu jużaw il-faċilitajiet tal-iskola, minħabba l-attitudni negattiva li tintwera mid-diriġenti tal-istess skola. Huwa qal li attwalment, l-assoċjazzjonijiet qed jagħmlu użu minn faċilitajiet f'postijiet oħra, inkluż dawk fi skejjel tal-Gvern f'lokalitajiet oħra, fejn l-attitudni tad-diriġenti hija differenti.

14.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li jkun pass għaqli jekk l-assoċjazzjonijiet jibdew il-kuntatti mal-Kunsill Malti għall-Isports biex jaraw x'jinvolvi l-ftehim, partikularment mil-lat finanzjarju. Imbagħad sta għalihom li jsibu mezzi biex jiffinanzjaw l-ispejjeż.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fid-9.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn l-7 ta' Marzu 2011, fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |